MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Numru 870/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARISA CAMILLERI**
**VS**
**CAROLINE MIZZI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Caroline Mizzi, detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 420574(M), imwielda Pieta’ fis-6 ta’ Awissu 1974, bint Michael u Salvina nee’ Cassar u residenti Flat 3, Block X2 Triq Id-Deheb fin Qormi.

Illi hija akkuzata talli:

1) Fi 22 ta’ Lulju 2006 ghall-habta ta’ 20.30hrs gewwa Hal-Qormi bil-hsieb li taghmel delitt u cioe li tikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Mamo Alfred, Ammo Kevin, Mamo Maria Rosaria u Mamo Saviour, weriet dan

il-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta filwaqt li kellha fil-pussess taghha sikkina bdiet ixxejirha fid-direzzjoni ta’ l-imsemmija persuni liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghha;
2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunat feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Mamo Maria Rosaria u Mamo Alfred skond kif iccertifika Dr. Joseph Galea ta’ centru ta’ sahha Floriana;
3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbet ghall-imsemmiija Mamo Alfred, Mamo Kevin, Mamo Maria Rosaria u Mamo Saviour sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lill-istess persuni;
4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddet lill-imsemmija Mamo Alfred, Mamo Kevin, Mamo Maria Rosaria u Mamo Saviour u qalet kliem oxxen u indicenti li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;
5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-paci pubblika b’ghajjat u glied;
6) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li kienet qed taghmel delitt kontra l-persuna u fil-hin li kienet qed tigi arrestata ghall-eghmil ta’ xi delitt kellha fuq il-persuna taghha arma regolari minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ tal-familja Mamo billi torbot lil hatiha b’obbligazzjoni taht penali ta’ somma flus li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (Dok.MC2 a fol.4) u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-22 ta’ Lulju 2006 il-Pulizija kienu gew infurmati bi glieda illi sehhet bejn membri tal-familja Mamo u membri tal-familja Mizzi f’liema glieda kienet intuzat arma u cioe sikkina. Illi l-Pulizija acceddew fuq il-post u gie stabbilit illi Joanne Mamo kienet ghamlet perijodu tohrog ma’ Ettiene Mizzi; illi dawn sussegwentement isseparaw u kien hemm hafna tilwim bejn iz-zewg familji. Il-Prosekuzzjoni stabbilit illi kien hemm diversi ilmenti mill-familja Mamo, illi persuni nnoti kienu qeghdin idejquhom billi jdoqqu l-qanpiena tal-bieb taghhom u jaharbu jigru minn fuq il-post.

Gara illi t-tifel ta’ l-imputata, Caroline Mizzi, mar icempel il-qanpiena tad-dar ta’ Mamo u l-membri tal-familja Mamo qabbduh fil-fatt u qam *chaos* shih. Infatti, l-imputata, nizlet mid-dar tal-genituri taghha b’sikkina f’idejha biex tiddefendi t-tifel zghir taghha minn tlett membru tal-familja Mamo illi kienu qeghdin jghajjtu mieghu. Bdiet ixxejjer is-sikkina tal-hobz li kellha f’idha. Illi f’xi mument, f’din it-tilwima, is-sinjura Mamo pprovat tnehhi s-sikkina minn idejn l-imputata u bhala konsegwenza ta’ dan, garrbet qasma superficali, ta’ hames millimetri, f’idejha.

L-imputata, fl-istqarrija taghha (Dok.MC3), ezebita mill-Ufficjal Prosekutur, ikkonfermat dana kollu izda ziedet tghid illi Kevin Mamo kellu mus ukoll f’idejh u li beda jheddidha bih u fil-fatt girifha bih, f’dan l-incident, izda l-Pulizija ma sabux dan il-mus. Fl-istqarrija taghha, l-imputata tghid:

*“Iva, vera kelli sikkina izda mhux biex naghti biha u omm Joanne, Rose, weggghet ghax giet tipprova tiehu s-sikkina.”*

Dan l-istat ta’ fatt gie pjenament korroborat minn Maria Rosaria Mamo, fix-xhieda taghha tat-23 April 2008:

*“U bdiet ixxejjirha (is-sikkina) dak il-hin konnha jigifieri hekk, qed ixxejirha, u bdiet ixxejirha lilna. Imbaghad jiena mort naqbadha, hekk, minn idejha biex nipprova nohodielha, halli ma jwegga’ hadd.”*

Maria Rosaria Mamo kkonfermat illi hija qabdet lill-imputata, Caroline Mizzi, mill-polz:

*"Ehe u lanqas biss indunajt li kelli subajha maqtugh, taf int, tipprova tohodielha (is-sikkina) ghax f'dik il-konfuzjoni, hekk hi, ehe dik hi, u f'dak il-konfuzjoni ma tkunx taf (x'ser jigri)."*

Illi l-familja Mamo, aktar 'il quddiem fil-proceduri, haffru lill-imputata u xtaghqu biss garanzija ghall-futur. (ara xhieda tal-21 ta' Frar 2009)

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti f'dan il-kaz, huwa evidentissimu illi ma jirrizalawx l-elementi kardinali biex il-Prosekuzzjoni tipprova bla dubju dettat bir-raguni, l-akkuza ta' attentat ta' feriti gravi kif indikat fl-ewwel akkuza. Illi t-tieni u t-tielet akkuza u b'referenza ghat-theddid imsemmi fir-raba' akkuza, l-familja Mamo rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali u haffru lill-imputata u ghaldaqstant ghar-rigward tat-tieni u t-tielet akkuza u l-ewwel parti tar-raba' akkuza fejn tikkoncerna t-theddid, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

Ghal rigward tat-tieni parti tar-raba' akkuza u cioe fil-konfront ta' l-akkuza ta' "kliem oxxen u indecenti li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku," jirrizulta ampjament, ipprovat mill-atti processwali, illi ghalkemm gie stabbilit sodisfacentement illi l-imputata Caroline Mizzi ndirizzat kliem oxxen fid-direzzjoni ta' Joanne Mamo, dan kien jikkonsisti biss fi kliem vulgari u hadd mill-familja ta' Mamo ma xehed illi l-imputata qalet kliem ta' dagha fil-pubbliku.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputata, Carolien Mizzi mhux hatja ta' l-ahhar parti tar-raba' akkuza li minnha tilliberaha.

Il-hames akkuza tikkoncerna dik tal-ksur tal-paci pubblika b'ghajjat u glied. Illi ma hemm dubju ta' xejn illi din l-akkuza giet ippruvata sodisfacentement fil-konfront ta' l-imputata.

Di piu', ghal rigward tas-sitt akkuza u cioe tal-pussess ta' arma regolari cioe sikkina minghajr il-licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-provi prodotti juru bic-car illi din giet sodisfacentement ppruvata u l-membri tal-familja Mamo fix-xhieda taghhom ikkonfermaw dan l-istat ta' fatt.

Illi, di piu', l-pussess u l-uzu ta' arma regolari cioe sikkina, giet ammessa mill-imputat Caroline Mizzi fl-istqarrija taghha (Dok.MC3). Din il-Qorti ma tistax, f'dan l-istadju, ma tiehux in konsiderazzjoni l-fatti spece ta' dan il-kaz u cioe illi Caroline Mizzi ma kinitx prezenti fl-ewwel parti ta' dan l-incident, u cioe fejn it-tifel taghha inqabad infragrante jcempel inutilment il-qanpiena tad-dar residenzjali tal-familja Mamo, u ghat-twiddib mill-membri tal-familja Mamo lejn dan it-tifel, u li tfaccat fuq ix-xena biss, biex tara tlett irgiel u mara jitlewwmu mat-tifel taghha ta' anqas minn ghaxar snin.

Jirrizulta mill-atti processwali illi dak il-hin Caroline Mizzi kienet tkecren fid-dar ta' ommha u din nizlet tigri biex tipprotegi lil binha bis-sikkina li kellha f'idejha dak il-hin. Jirrizulta anke mix-xhieda tal-kwerelanti illi ghalkemm l-imputata Mizzi, xejjret din is-sikkina f'ebda mument ma pprovat tattakka bis-sikkina lil xi membru tal-familja Mamo. Di piu', jirrizulta ampjament illi Maria Rosaria Mamo weggghat biss (b'girfa zghira u superficjali) meta pprovat tiehu s-sikkina minn idejn l-imputata Caroline Mizzi u dana sabiex ma jwegga' hadd.

Illi l-Qorti ghaldaqstant, hadet in konsiderazzjoni dawn il-fatti kollha migjuba a konjizzjoni taghha meta giet biex tikkonsidra l-piena proporzjonata ghall-eghmil ta' l-imputata Caroline Mizzi.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputata, Caroline Mizzi, mhux hatja ta' l-ewwel (1) akkuza; tiddikjara procediment ezawrit it-tieni (2), it-tielet (3) u l-ewwel parti tar-raba' (4) akkuza b'referenza ghat-theddid; mhux hatja ta' l-ahhar parti tar-raba' (4) akkuza li minnha tilliberaha; hatja tal-hames (5) u tas-sitt (6) akkuza u wara li rat Artikolu 338(dd), 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata ghal xahar prigunerija sospizi ghal sitt xhur.

In oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputata taht garanzija taht l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' 233 Euro ghal perijodu ta' sena, bl-obbligazzjoni illi bl-ebda mod ma timmolesta lil kwerelanti u cioe l-membri tal-familja Mamo.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------